MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Numru. 855/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp.  Stephen Mallia)**

**v**

**Jonathan Callus ta' 32 sena iben Paul u Carmen nee Caruana, imwieled Sliema, fl-4 ta' Awissu, 1973 u li joqghod fil-fond Nru. 39, Butcher's Lane, Birkirkara, karta tal-identita' nru. 367073 (M)**

**Alex Vella ta' 24 sena iben Paul u Mary nee Scerri, imwieled Pieta' fil-11 ta' Dicembru, 1980 u li joqghod fil-fond Nru. 117, 'Marpaul', Triq it-Trincetta, Mosta, karta tal-identita' Numru 6481 (M)**

**Natalino Spiteri ta' 34 sena, iben Andrew u**

**Doris nee Camilleri, imwieled il-Kanada, fit-12 ta' Dicembru, 1970 u li joqghod Nru. 79, Triq l-Istefanotis, Santa Lucija karta tal-identita' numru 251685 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Jonathan Callus, Alex Vella u Natalino spiteri li gew akkuzati talli:

(1) Bejn l-10 u t-12 ta' Gunju, 2005 f'Hal Lija u f'diversi inhawi f'dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti imaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh bi hsara ta' haddiehor li jammonta ghal aktar minn Lm 1000 ghad-detriment ta' Elmo Insurance:
(2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor, ghamlu xi qliegh iehor b'qerq;
(3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jiksbu ghalihom infushom jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggew, xerrdu 'l hawn u 'hemm jew gharrqu b'xi mezz li jkun, hwejjeg taghhom;

Jonathan Callus u Natalino Spiteri wahedhom akkuzati talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi iddenunzjaw lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq, holqu tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Alex Vella wahdu talli:

(A) bejn l-10 u t-12 ta' Gunju, 2005 u fix-xhur ta' wara din id-data, u anke fis-16 ta' Gunju, 2002 u fis-snin ta' wara fis-Siggiewi u f'diversi nhawi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa,

mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe vettura tal-marka Land Rover mudell 110 bin-numru ta' registrazzjoni originali AAP 439, u vettura tal-marka Hyundai Lantra bin-numru tar-registrazzjoni originali GAH-552, liema vetturi huma rapurtati misruqa.
(B) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli sar jaf li xihaga li kienet fil-pussess tieghukienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jaghrraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf;
(C) U aktar talli fis-16 ta' Gunju, 2002 u fis-snin ta' wara fis-Siggiewi u f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer, xtara jew b'xi mod iehor irceva minghand persuna ohra jew instab li ghandu fil-pussess tieghu xi oggett li kellu xi marka jew sinjali li juri li dak l-oggett huwa propjeta' tar-Repubblika ta' Malta, jew oggett illi l-pussessur tieghu kien jaf li huwa propjeta' tar-Repubblika ta' Malta u cioe vettura tal-marka Hyundai Lantra GAH-552, li l-awtorita' kompetenti ma kinitx tat permess bil-miktub sabiex wiehed setgha jiddisponi minnhom, u naqas li jaghti kont sodisfacenti ta' kif l-oggett jew il-haga kienu gew ghandu.

Rat l–atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2006, l-akkuzati patrocinati irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghhom. Oltre dana gie verbalizzat mill-Avukat Difensur illi l-akkuzati ma kellhomx bzonn zmien biex jahsbu fuq l-ammissjoni minnhom registrata.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Genarali fil-konfront ta' Jonathan Callus u Natalino Spiteri u cioe;
Fl-artikoli 18, 308 u 310 (1)(a) tal-kap 9
Fl-artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-kap 9
Fl-artikoli 18, 295, u 310(1)(a) tal-kap 9
Fl-artikoli 18, 110(2) u 109 tal-kap 9

Fiil-konfront ta’ Alex Vella
Fl-artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-kap 9
Fl-artikoli 18, 309, 310(1(a)btal-kap 9
Fl-artikoli 18, 295 u 3101(1)(a) tal-kap9
Fl-artikoli 18 u 334 tal-kap 9
Fl-artikoli 334A tal-kap 9
Fl-artikolu 290 tal-kap 9

Rat li l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji moqrija l-imsemmija artikoli.

Ikkonsidrat

Illi l-provi migjuba f’din il-kawza huma senjalament l-istqarrijiet tal-ko-akkuzati, f’liema huma a tempo vergine ammettew l-involviment taghhom fir-reati lilhom addebitati. Pero’ ghandu jinghad u dan anke ghax il-gustizzja ghandha tidher li qed issir illi Alex Vella qatt fl-istqarrija minnu rilaxxata ( vie fol 36-40) ma ammetta l-involviment kriminuz tieghu fil-konfront tal-vettura li ggib in-numru ta’ registrazjoni GAH-552.

Illi kien ghalhekk illi din il-Qorti hasset il-bzonn illi terga’ tivverifika l-ammissjoni tieghu f’dan ir-rigward liema ammissjoni fil-fatt giet ikkonfermata.

Illi ghaldaqstant konsiderando dak kollu espost, konsiderando l-koperazzjoni taghhom mal-Pulizija kif ukoll l-amissjoni bikrija taghhom, rat ukoll il-fedina penali taghhom, li ghajr ghal ammenda ta’ Vella, huma netti.

Ghaldaqstant rat l-artikoli 18, 308 u 310 (1)(a) tal-kap 9, l-artikoli 18, 295, u 310(1)(a) tal-kap 9, l-artikoli 18, 110(2) u 109 tal-kap 9, l-artikoli 18, 309, 310(1(a)tal-kap 9, l-artikoli 18, 295 u 310(1)(a) tal-kap 9, l-artikoli 18 u 334 tal-kap 9, l-artikoli 334A tal-kap 9, l-artikolu 290 tal-kap 9 u taghhom qed issibhom hatja.

Konsiderando dak kollu espost ghalkemm tqis illi l-azjoni ta' kull akkuzat bhala wahda ghal kollox viljakka intiza biss biex tinganna mhux biss il-pulizija b'reat li gie instigat ghal skopijiet biex jingabar hlas certament mhux dovut, l-aktar pero' preokkupanti hija l-attitudni ta' Callus li ghalih il-fatt li se jqarraq bl-insurance qisu ma hu se jigri xejn basta ma jbatix telf personali huwa nnifsu. Pero' anke jekk dawn ir-reati huma ta' natura serja tqis illi huma ma ghandhomx ibatu piena karcerarja effettiva minhabba l-koperazzjoni gia msemmja. Rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehior ghal tliet snin mil-llum.

Illi fil-konfront biss ta' Jonathan Callus u Natalino Spiteri l-Avukat Generali adebittahom anke bir-reat taht l-artikoli 110 u 109 tal-kap 9, ghaldaqstant fil-konfront biss ta' dawn it-tnejn u wara li rat l-artikolu 10 tal-kapitlu 9 qeghda ukoll tikkundannahom ghal piena ta' interdizzjoni generali kif ukoll ghal interdizzjoni milli jservu bhala xhieda, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun u dan ghal perjodu ta' hames snin mil lum. Tordna wkoll ai termini ta' l-artikolu 10 tal-kap 9 illi din l-interdizzjoni tigi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------